## ALLA U N-NEGOZJU

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Għamos.**
**Għam 8, 4-7**

Isimgħu dan, intom li tonfħu għal min huwa msejken,
intom li ttemmu l-foqra tal-pajjiż,
u tgħidu, 'il-qamar ġdid meta se jgħaddi,
ħa nbigħu l-qamħ?
Meta se jgħaddi s-Sibt ħa nferrgħu x-xgħir?
Inċekken l-efa, u nkabbru x-xekel,
u nqarrqu b'miżien falz.
Nixtru bil-flus il-foqra, u b'żewġt iqrieq l-imsejken,
u nbigħu l-qamħ sal-karfa.'
Il-Mulej ħalef bi kburit Ġakob:
"Għemilhom kollu żgur li ma ninsiehx!''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 112**
**Faħħru l-Mulej, li jerfa' l-fqir.**

Faħħru, qaddejja tal-Mulej,
faħħru isem il-Mulej.
Ikun imbierek isem il-Mulej,
minn issa u għal dejjem.

**R/. Faħħru l-Mulej, li jerfa' l-fqir.**

Għoli fuq il-ġnus kollha l-Mulej,
is-sebħ tiegħu 'l fuq mis-smewwiet.
Min hu bħall-Mulej, Alla tagħna,
li qiegħed fil-għoli?
Hu li 'l isfel iħares
fuq is-smewwiet u fuq l-art.

**R/. Faħħru l-Mulej, li jerfa' l-fqir.**

Hu jqajjem mit-trab l-imsejken,
u jerfa' l-fqir mill-miżbla,
biex mal-kbarat iqiegħdu,
mal-kbarat tal-poplu tiegħu.

**R/. Faħħru l-Mulej, li jerfa' l-fqir.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Timotju**
**1 Tim 2, 1-8**

Għażiż: Nitolbok l-ewwelnett li jsiru suppliki, talb, interċessjonijiet u radd il-ħajr għall-bnedmin kollha: għas-slaten u għal dawk kollha li għandhom xi awtorita', biex inkunu nistgħu ngħaddu ħajja fil-kwiet u s-sliem, bil-qima kollha lejn Alla u bl-imġiba tajba. Dan hu tajjeb u jogħġob lil Alla, Salvatur tagħna, li jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħarfu s-sewwa.
Għax wieħed hu Alla, u wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bnedmin, Kristu Ġesu', li hu wkoll bniedem, li ta lilu nnifsu bħala prezz tal-fidwa għal kulħadd; u x-xhieda ta' dan ġiet mogħtija f'waqtha. Hu għal dan li jien ġejt magħmul xandâr u appostlu - qiegħed ngħid is-sewwa, miniex nigdeb - biex ngħallem lill-ġnus il-fidi u s-sewwa.
Nixtieq li l-irġiel jitolbu kullimkien, jerfgħu 'l fuq idejn safja bla għadab u bla ġlied.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah**
Infaħħrek, Missier, Sid is-sema u l-art,
għax int għarraft liż-żgħar il-misteri ts-sema.
**Hallelujah**

✠**L-EVANĠELJU**
**(Is-silta bejn il-parentesi tista' ma tinqarax.)**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 16, 1-13**

F'dak iż-żmien: Ġesu' qal lid-dixxipli tiegħu:
(Kien hemm raġel għani li kellu amministratur, u 'l dan xlewh lil sidu bħallikieku kien qiegħed iberbaqlu ġidu. Għalhekk is-sid sejjaħlu u qallu, 'Dan x'inhu li qiegħed nisma' fuqek? Agħtini kont ta' l-amministrazzjoni tiegħek, għax ma tistax tibqa' iżjed amministratur tiegħi'. L-amministratur bejnu u bejn ruħu qal, 'Issa x'sejjer nagħmel, ladarba sidi se jneħħini mill-amministrazzjoni? Immur nagħżaq? Ma niflaħx. Nittallab? Nistħi. Naf x'nagħmel, ħalli meta nitwarrab minn fuq din l-amministrazzjoni insib 'l ħaddieħor li jilqagħni għandu.' U wieħed wieħed bagħat għal dawk li kellhom jagħtu lil sidu. 'Kemm għandek tagħtih 'il sidi? Staqsa lill-ewwel wieħed. 'Mitt barmil żejt', wiegbu dak. 'Oħroġ il-karti tiegħek,' qallu l-amministratur, 'oqgħod bilqiegħda malajr u ikteb ħamsin.' Lill-ieħor staqsieh, 'u int, kemm għandek tagħti?' 'Mitt xkora qamħ,' wieġbu. Qallu, 'oħroġ il-karti tiegħek u ikteb tmenin.' U s-sid faħħru lil dak l-amministratur diżonest talli ħadem b'rasu. Għax ulied id-dinja, ma' min hu tal-qatgħa tagħhom, jimxu bil-għaqal aktar minn ulied id-dawl. U jiena ngħidilkom: Agħmlu għalikom infuskom ħbieb bis-saħħa tal-qligħ diżonest, ħalli meta jonqoskom, jilqgħukom fl-għerejjex ta' dejjem.)
Min hu fidil f'ħaġa tassew żgħira, hu fidil ukoll fil-ħafna; u min hu diżonest f'ħaġa tassew żgħira, hu diżonest ukoll fil-ħafna.
Jekk mela ma wrejtux ruħkom fidili fil-qligħ diżonest, min se jafdalkom il-ġid veru?
U jekk ma wrejtux ruħkom fidili f'dak li hu ta' ħaddieħor, min se jagħtikom tagħkom?

Ebda qaddej ma jista' jaqdi żewġ sidien; għax jew ikun jobgħod lil wieħed minnhom u jħobb lill-ieħor, jew jintrabat ma' wieħed u jistmell lill-ieħor. Ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus f'ħin wieħed.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**